QALA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 22

**Il-Gimgha 13 ta' Novembru 2020**

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fil-5:00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Vici Sindku
Karl Buttigieg - Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Joseph Buttigieg – Kunsillier

**ASSENTI**

Hadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

QALA

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

**22.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.**

22.1.1 Is-Segretarja qrat l-ittra tal-apologija tal-Kunsillier Joseph Buttigieg. Hija semmiet ukoll illi l-Kunsillier Buttigieg talab sabiex il-korrispondenza li saret bejn il-membri tal-Kunsill wara li huwa kien bghat jinforma li ma jistax jattendi ghall-laqgha wara sitwazzjoni urgenti li nqalghet lilu u lil familja tieghu, ghandha tigi wkoll annessa ma dawn il-minuti.

**22.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.**

22.2.1 Peress li l-minuti tal-ghoxrin laqgha u l-wiehed u ghoxrin laqgha b'urgenza tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li huwa jixtieq li fil-minuti tal-ghoxrin laqgha f'paragrafu 20.4.3 is-sentenza 'illi terga tigi ghall-istess stat li kienet qabel' ghandha tinqara 'illi tigi fi stat ahjar milli kienet qabel.' Wara din l-emenda, l-minuti gew approvati unanimament.

**22.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku u korrispondenza.**

22.3.1 Ghall-ewwel parti tal-laqgha s-Sindku stieden lill-Perit tal-Kunsill sabiex jigi jispjega dwar l-ahhar zviluppi tal-progetti li l-Kunsill ghandu bhalissa. Dwar ir-restawrazzjoni tal-istatwa ta' San Guzepp il-erit semma li huwa ser jipprepara xi specifikazzjonijiet sabiex tkun tista` tinhareg sejha ghall-offerti. Dwar il-'*Playing Field* Magistrat Salvu Attard' huwa semma li ghad iridu jsiru xi varjazzjonijiet izda bhalissa jista` jinbeda x-xoghol skond l-offerta. Il-Kunsill iddiskuta li ghandu jsir xi tip ta' *fencing* madwar il-*playing field*. Il-Perit issuggerixxa li ghandha tinhareg kwotazzjoni. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku semma li huwa talab kwotazzjoni sabiex jigu mghoddija *conduit pipes* minn taht l-art fil-*Playing Field* Magistrat Salvu Attard ghac-CCTV. Il-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni. Progett iehor li gie diskuss huwa dak tat-trangar tal-fontana li tinsab quddiem il-Kunsill kif ukoll l-*area* ta' madwar. Il-Perit semma li ser jiehu hsieb jahdem fuq dan il-progett ukoll. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li l-Kunsill kien ghamel talba lil Transport Malta sabiex isir *zebra crossing* fi Triq l-Imgarr u li dawn kienu nformaw lill-Kunsill li jrid jsir xi tip ta' disinn/pjanta minn Perit. Gie deciz li ghandha tintbghat din il-korrispondenza lill-Perit halli jkun jaf ezatt x'talbu. Gew diskussi wkoll il-progetti tar-*resurfacing* ta' Triq it-28 t'April 1688, il-Progett tal-Kuncizzjoni, r-*Roundabouts* u l-*Water Culvert* li kollha huma mnizzel bhala *items* fl-*agenda* u ghalhekk huma mnizzla aktar l-isfel. Is-Sindku semma li kif hawn il-Perit jixtieq li jitolbu sabiex jikkonferma dwar meta fit-2019 waqt li harget xi skema kienet saret tahdida fuq Triq il-Wardija dwar il-bdil tal-*main* u s-servizzi tal-ilma u fl-ahhar tinghata t-tarmak kollha u li ghal din il-laqgha kien hemm prezenti l-Perit, l-eks Ministru ghal-Ghawdex, l-Inginier tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, d-Direttur Generali fil-Ministeru ghal Ghawdex u l-kuntrattur ta' Road Construction Co. Ltd. Il-Perit li kien prezenti ghal din it-tahdida, illum ikkonferma dan kollu.

22.3.2 Is-Sindku semma li wara l-laqgha li saret mas-sidien tal-*bars* u ristoranti tal-Pjazza, mit-tliet sidien, tnejn minnhom ma jaqblux illi ghandha tigi maghluqa l-pjazza ghal ftit hin. Is-Sindku semma li huwa kellu laqgha mal-Perit li qed jiehu hsieb il-proposta tal-Kunsill dwar is-*slow*

*streets* u li dan il-Perit bghat prenzentazzjoni. Is-Sindku talab lill-membri tal-Kunsill sabiex jaraw ftit din il-prezentazzjoni.

22.3.3 Is-Sindku semma li ghandha tinhareg sejha ghall-offerti ghal xiri ta' *gazebo's* godda ghal 'Gnien il-Familja' u 'Gnien il-Hajja'. Huwa semma li l-importanti huwa li l-materjal taghhom ikun tal-*Iroko*. Il-Kunsill qabel ma dan.

22.3.4 Is-Sindku ssuggerixxa illi s-servizz ta' tbattil tal-*bins* tal-Pjazza u tal-Belvedere nhar ta' Hadd ghandu jieqaf u minflok ghandu jigi mqabbad l-kuntrattur li bhalissa qed jiehu hsieb it-tindif u knis tat-toroq fejn jaghmel tlett sighat kull nhar ta' Hadd tindif u tbattil ta' *bins*. Il-Kunsill qabel ma dan.

22.3.5 Is-Sindku semma li fi 'Gnien il-Familja' kien hemm sigra li mietet u li huwa talab ghal permess mal-ERA sabiex titnehha.

22.3.6 It-tabella tal-*one way* tat-trukkijiet twahhlet fi Triq il-Mithna.

22.3.7 Is-Sindku semma li huwa talab ghal kwotazzjonijiet ghal provvista ta' *bins* ghal Gnien tal-Belvedere. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li hija talbiet ghal tlett kwotazzjonijiet ghal provvista ta' *recycling bins* u giet sottomessa kwotazzjoni wahda. Hija semmiet li dawn irridu jkunu *recycling bins*, simili ta dawk li hemm u li spiccaw, ghax huma progett tal-Unjoni Ewropeja u li dan kien gie diskuss waqt laqgha tal-Kunsill. Il-Kunsill iddecida li jixtri zewg settijiet tar-*recycling bins* b'kollox €540 u trid tizdied il-VAT.

22.3.8 Talba sabiex isir *double yellow line* faccata tal-*garage* fi Triq il-Wardija. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet illi hija wkoll irceviet l-istess talba. Ghalhekk is-Sindku u l-Kunsilliera ddecidew li ghandhom imorru fuq il-post sabiex jaraw ftit.

22.3.9 Talba ghal *double yellow lines* u *road hump* fi Triq iz-Zewwieqa. Gie diskuss illi wiehed mid-*double yellow lines* diga` kien gie mizjud xi xhur ilu u dwar ir-*road humps* irid ikun hemm il-kunses tar-residenti tal-madwar peress li l-*road humps* ingenerali qed jitnehhew minhabba l-istorbju li jaghmlu l-vetturi bil-lejl.

22.3.10 Giet trattata din il-korrispondenza:

22.3.11 Ittra mill-EcoGozo Directorate dwar *Outdoor Gym Assistance Scheme*. Il-Kunsill iddecida li ghandu japplika sabiex isir xi *gym equipment* fi 'Gnien il-Familja' minflok il-passju li hemm fl-art.

22.3.12 Tlett ittra mibghuta mir-Regjun Ghawdex dwar Filmat bl-attivitajiet passati fil-lokalita`, Ghoti ta' ikla tal-Milied ghall-persuni partikulari fil-lokalita` u Serati ta' *Carol Singing* fil-lokalita'. Il-Kunsill iddecida illi ma jipparticipax f'dawn l-inizjattivi. Gie diskuss illi Ikla jsir mill-Arcipriet kif ukoll il-Parrocca bhalissa mhemmx kor.

22.3.13 Ittra mir-Regjun dwar *Bye-Laws* Regonali. Il-Kunsill jaqbel ma dawn il-*Bye Laws*.

22.3.14 Ittra mibghuta mill-Awtorita` tal-Artijiet dwar *request consent* tal-Awtorita` sabiex tigi ssottomessa applikazzjoni ghal Permess ta' Zvilupp (applikazzjoni tal-Qala Saints FC) Din il-*consent* giet *granted*.

22.3.15 Ittra mibghuta mill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar relokazzjoni ta' *bus stop* fi Triq il-Wileg peress li fejn qedha ser jibda xi xoghol tal-bini. Il-Kunsill qabel mas-sit fejn ser tigi relokatha.

QALA

22.3.16 Ittra mibghuta mill-Ministeru ghal Edukazzjoni u Impjieg dwar *Projects in Schools: Celebrating our localites' Sportspersons*. Giet trattata r-risposta tal-Kunsill fejn gie innominat is-Sur Charlie Mifsud.

22.3.17 Kopja ta' ittra li d-Direttur tad-Divizjoni Ghal Gvern Lokali bghat lil Bord tal-Governanza Lokali dwar allegazzjonijiet ta' *Direct Orders* tal-Kunsill Lokali Qala.

22.3.18 Ittra mibghuta mid-Divizjoni ghal Gvern Lokali dwar Pjanijiet ta' Kontingenza – COVID 19. Giet trattata wkoll r-risposta mibghuta mill-Kunsill.

22.3.19 Ittra mill-EcoGozo fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex dwar estenzjoni tal-ftiehem dwar ir-restawrazzjoni tal-istatwa ta' San Guzepp.

22.3.20 Ittra mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali dwar approvazzjoni tal-proposta emendata dwar il-fondi tal-LESA li ser jinghataw lill-Kunsill.

22.3.21 Talba ghal *double yellow line* fi Triq it-Telgha. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li huwa waslitlu din it-talba. Is-Sindku u l-Kunsillier Buttigieg ftehmu li ghandhom imorru fuq il-post sabiex jaraw.

22.3.22 Ittra minn Transport Malta dwar approvazzjoni tat-talbiet tal-Kunsill sabiex isiru *stop sign* fi Triq Patri Guzepp Portelli u *continuous white line* fi Triq il-Belvedere. Kif ukoll id-*double yellow lines* fi Triq il-Papa Piju IX li ser jigu *refreshed* peress li diga` kienu jezistu. Dwar *double yellow line* fi Triq San Guzepp gie deciz li ghandha tintbghat *reminder* dwar f'hiex waslet din it-talba.

22.3.23 Gew mibghuta dawn l-ittri mis-Segretarja Ezekuttiva:

22.3.24 Ittra lill-Transport Malta sabiex ma l-*speed limit road markings* li saru fi Triq it-28 t'April 1688 u Triq l-Imgarr, ghandhom isiru wkoll tabelli bl-*ispeed limit* ukoll.

22.3.25 Ittra lil *Animal Welfare* fejn staqsa dwar id-dog park li kellu jsir il-Qala. Kif ukoll dwar l-applikazzjoni ta' *Cat Café's* u *recycling bottles* li jkun fihom ikel ghall-*istray cats*. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet li hi giet informatha illi l-Kunsill ma applikax ghal *Cat Café'*. Is-Sindku semma li l-*Cat Café* kien ser jiehu hsiebu l-Gvern Centrali meta kien ser isir id-*Dog Park*. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet illi l-Kunsill ma rcieva ebda risposta ghall-ittra msemmija fuq li ntbghatet lill-*Animal Welfare*.

22.3.26 Ittra lid-Direttur ta' EkoGozo dwar il-bozoz li jahdmu bis-solar panels sabiex jigu installati fil-lokalita`.

22.3.27 Applikazzjoni ghal finanzjament ta' Progett Kapitali – Accessibilita` u Mobilita`.

22.3.28 Ittra lis-Supretendent tal-pulizija dwar l-eghluq tat-triq tal-iskola fi dhul u l-hrug tat-tfal tal-iskola u li jrid ikun hemm il-prezenza ta' pulizija. Risposta tas-Supretendent kienet li l-pulizija ma tistax tiggarantixxi li jkun hemm pulizija dejjem u mhiex responsabbilita tal-pulizija li jpoggi l-*barriers*.

22.3.29 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-*Agenda* ghall-laqgha mal-Ministru ghal Ghawdex l-Onorevoli Clint Camilleri. Gie deciz li jitnizzlu wkoll trangar ta' parti minn Triq tac-Cawl, hajt fi Triq il-Barbagann kif ukoll *Cat Café's*.

22.3.30 *Quarterly Financial Report – Quarter 3.* Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport.

22.3.31 Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet illi hija ghandha xi sighat tal-*vacation leave* 2020 li mhux ser tilhaq tiehu u ghalhekk talbiet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jiggeddu ghas-sena 2021. Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu mgedda ghat-2021.

22.3.32 Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet illi giet avvicinatha minn persuna li ghandha zewg palmi tal-*Washingtonia* go qsari u li ma jriduhomx izjed u talbu jekk il-Kunsill jixtieqx li jehodhom. Il-Kunsill iddecida li ghandhom jithawwlu x'imkien fil-lokalita`.

22.3.33 Kif kien gie deciz fl-ahhar laqgha s-Segretarja Ezekuttiva gabret il-permessi kollha ta' dawk is-sidien li ghandhom it-trukkijiet li jistghu jghaddu kontra s-sistema tal-*one way* tat-trukkjiet Triq il-Wileg/Triq il-Kuncizzjoni. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat ittra lis-sidien kollha sabiex jigu mistiedna ghall-laqgha mal-Kunsill nhar il-15 ta' Dicembru 2020 fejn jigu diskussi dawn il-permessi.

22.3.34 Reggiet giet mressqa l-kwotazzjoni sabiex isir bandiera bl-istemma tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet illi peress li l-prezz huwa ta' €872.95, jridu jingabu zewg kwotazzjonijiet ohra.

## 22.4 Twegibijiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

22.4.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li fl-ahhar laqgha kien gie deciz illi mill-lum 'l quddiem kulhadd ser jibda jahdem flimkien u naccettaw aktar lil xulxin. Huwa semma li fl-ahhar laqgha l-Vici Sindku kien staqsa jekk ghad xi darba huwa hadimx minn wara dahar xi hadd u kulhadd kien irrisponda li le. Il-Kunsillier Buttigieg semma li illum huwa ser iwiegeb differenti u dan ghal dak li gara dal-ahhar. Huwa semma dwar kif huwa flimkien mal-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak li huma fil-minoranza, qed jigu ttrattati u mwarrba. Huwa rrefera ghal *press conference* li saret mill-Ministeru ghal Ghawdex fit-30 t'Ottubru 2020 u li ghaliha kien hemm prezenti l-Vici Sindku u l-Kunsillier Joseph Buttigieg. Huwa qal li huwa, s-Sindku u l-Kunsilliera saru jafu b'din il-konferenza dwar xoghol fi Triq il-Wardija minn fuq *facebook.* Huwa semma li kulhadd jaqbel li din it-triq ghandha jsir u kulhadd haddiem u kulhadd ghamel il-pressjoni tieghu sabiex isir it-triq kollha anke giet diskussa waqt laqghat tal-Kunsill u ghalhekk l-affarijiet ma kellhomx jispiccaw hekk. Il-Kunsillier Buttigieg semma li huwa ghamel xi *posts* fuq *facebook* u wara saret din il-konferenza li kienet intiza sabiex huwa, s-Sindku u l-Kunsilliera ma jkunux hemm u sabiex forsi xi whud jilhqu l-ambizzjonijiet taghhom. Huwa semma illi l-Vici Sindku u l-Kunsillier Joseph Buttigieg messhom lanqas accettaw li jattendu din il-konferenza meta saru jafu li mhux kulhadd kien qed hemm. Qatt ma jaf li l-Kunsill kien f'dan il-levell hekk baxx. Huwa qal li jekk xi darba huwa jigi mistieden ghal xi haga simili u jsir jaf li l-membri l-ohra mhumiex hemm, huwa kieku ma jattendiex. Huwa semma li dan qed isir fil-konfront tal-Kunsill tal-Qala biss. Huwa rrefera ghall-konferenzi stampi li saru dal-ahhar fil-lokalitajiet ohra u li ghalihom kienu mistiedna l-membri tal-Kunsill kollu. Huwa semma wkoll li saret *press conference* ohra fil-Pjazza mill-Ministeru u li reggha ma kienx informat il-Kunsill kollu u s-Sindku u l-Kunsillera saru jafu ghax kienu l-Pjazza. Il-Kunsillier Buttigieg semma li dan qed isir sabiex tinholoq il-firda. Huwa semma li b'dan ser ibatu n-nies tal-Qala. Huwa qal li kulhadd ghandu jahdem ghan-nies tal-Qala u mhux ghall-interessi personali. Huwa semma li issa ihalli f'idejn in-nies tal-Qala dwar sabiex jaraw huma minn veru jhobb ir-rahal u qed hemm biex jahdem ghar-rahal.

QALA

22.4.2 Is-Sindku semma li huwa ghandu dikjarazzjoni x'jaghmel fuq din il-materja wkoll. Qabel ma beda jaqra huwa talab sabiex il-punti kollha ta' din id-dikjarazzjoni jigu ~~mehmuza~~ ma dawn il-minuti. Is-Sindku beda jaqra d-dikjarazzjoni. mnizzla

22.4.3 Il-Vici Sindku semma illi jekk veru ried ikun hemm l-ghaqda, l-ghaqda riedet tkun mill-bidunett ta' din il-legislatura. Bhal ma diga` semma fl-ahhar laqgha, huwa qal lis-Sindku li lilu akkuzah (is-Sindku lil Vici Sindku) li qed jahdem kontrieh u din kienet wara l-elezzjoni u qabel il-gurament tas-Sindku u Vici Sindku. Il-Vici Sindku semma il-kaz tal-GOTO meta ried jitnehha *parking* minnhom li ma kienx approvat u li dan dam xi hmistax biex tnehha u kellu jkun hu. Kien hemm ukoll xi hajt ta' zewg filati li ma sarx, fost affarijiet ohra. Dwar il-laqgha li saret, huwa qal li din ma kinitx *press conference* peress li f'*press conference* ikun hemm il-gurnalisti. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li *press conference* tkun *live* fuq il-*media* u li din hekk kienet. Il-Vici Sindku semma li kull ma kien hemm kienet persuna tiehu il-*video* u l-laqgha ingabet fuq il-*facebook*. Il-Vici Sindku semma li fl-ahhar laqgha tal-Kunsill tat-8 t'Ottubru kien gie deciz li din il-materja ta' Triq il-Wardija ghandha tkun wahda mill-*items* tal-*Agenda* ghall-laqgha mal-Ministru ghal Ghawdex. Izda minn wara l-laqgha huwa rcieva hafna ilmenti u ma hassx li kellu jistenna sabiex tigi diskussa waqt il-laqgha mal-Ministru ghalhekk qabad u cempil lill-Ministru fuq dawn l-ilmenti u li qed igergru fuqu. Huwa semma li l-Ministru qallu li ma jaf xejn fuq ix-xoghol li kellu jsir u li ser jara x'jista jaghmel. Imbaghad xi granet wara hu gie kkuntatjat mill-Ministeru li l-Ministru ser ihabbar li ser jaghmel din it-triq u li jixtiequ li jkun hemm u ghalhekk huwa kien gie mistieden. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal lil Vici Sindku illi ma kellux jaccetta l-istedina x'hin sar jaf li mhux il-membri kollha ser ikunu hemm. Il-Kunsillier Buttigieg staqsa lill-Vici Sindku jhossx li kienet xi haga sew li ma kienx hemm kulhadd. Il-Vici Sindku qal li le izda li huwa kull ma kien huwa mistieden u jekk xi hadd ihoss hekk ghandu jghid lil Ministru.

22.4.4 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li jekk isir *water culvert* fi Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, huwa ma jaqbilx li din ghandha tispara ghal Triq l-Imgarr peress li r-residenti ta' din it-triq bizzejjed ghandhom il-problema tal-wied li jghaddi minn hemm xhin tkun ix-xita. Il-Kunsill qabel ma dan u ghalhekk x'hin tigi sabiex isir *culvert* ghandu jara fejn l-ilma taghha ghandu jintefa`.

22.4.5 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbiet sabiex isir *double yellow line* fil-kantuniera ta' Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg.

## 22.5 Milied 2020.

22.5.1 Is-Sindku semma li ser isir l-armar bid-dawl ghall-Milied fil-lokalita` bhas-soltu. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet illi hija kkuntatjat il-persuna li tiehu hsieb dan l-armar sabiex taghmel *Christmas Tree* bid-dawl sabiex titpogga fil-Pjazza. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex titlob stima ta' kemm ser tigi tiswa. Gie diskuss illi x'hin il-*Christmas Tree* titqieghed fil-post ghandhom jigu pogguti l-*barriers* madwarha . Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li ghandu jinghata rigal lit-tfal tal-lokalita` ghal Milied bhal per ezempju xi ktieb. Gie deciz illi jinxtara ktieb ghal kull tifel u tifla.

żewġ

jitpoġġew fil-Pjazza u Pjan San Kerrew - 22-Kuncizzjoni

## 22.6 *Garage.*

22.6.1 Is-Sindku semma li ghandha tinhareg sejha ghall-offerti sabiex jigi mikri lill-Kunsill *garage* sabiex fih jitpogga t-*truck* li ser jixtri l-Kunsill.

QALA

22.12.1 Is-Segretarja Ezekuttiva talbiet lill-Kunsill sabiex ghall-evalwazzjoni tal-offerta ghal provvista ta' *pots*, sigar, pjanti u li jinkludi t-thawwil u manutenzjoni nkonessjoni mal-Progett *Greening Urban Areas* u ghall-kwotazzjoni ghas-supervizjoni, konsultazzjoni u *project management* tal-Progett tal-*Greening Urban Areas,* jaqblux li jkunu l-istess membri tal-bord li ssoltu jkunu fuq il-bordijiet tal-evalwazzjoni ta' kull offerta li jkollu l-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel li ghandhom ikunu l-istess membri tas-soltu. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet illi rceviet ittra minghand il-Kunsillier Joseph Buttigieg fejn talab sabiex huwa jkun osservatur waqt dan il-bord tal-evalwazzjoni peress li huwa qed jahdem u jiehu hsieb dan il-progett. Il-Kunsill qabel ma dan.

**22.13 Laqgha tal-Lokalita`.**

22.13.1 Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet illi skond il-Att tal-Gvern Lokali, l-Kunsill irid isejjah Laqgha tal-Lokalita`. Il-Kunsill ghalhekk iddecida li l-Laqgha tal-Lokalita` ghandha jsir nhar il-15 ta' Dicembru 2020 fil-5:00 ta' filghaxija.

**22.14 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti.**

22.14.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskeda tal-pagamenti b'referenza numru SP 13/2020. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni sabiex jithallsu l-kontijiet li huma mnizzla f'din l-iskeda ghalhekk din l-iskeda giet approvatha unanimament.

**22.15 Mozzjonijiet.**

22.15.1 Ma tressqu ebda mozzjonijiet.

**22.16 Tmiem il-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

22.16.1 Il-laqgha ntemmet fit-8:15 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar il-15 ta' Dicembru 2020.

Ikkonfermati illum, it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2020.

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarju Ezekuttiv

To attach with meeting № 22.

## Borg Marcia at Local Councils

| | |
|---|---|
| **From:** | Joseph Buttigieg <josephb.qala@gmail.com> |
| **Sent:** | Monday, 16 November 2020 19:49 |
| **To:** | Paul Buttigieg |
| **Cc:** | Karl Buttigieg; valerie mejlak; Borg Marcia at Local Councils; Qala Local Council at Local Councils; Ivan Cefai |
| **Subject:** | Re: Laqgha tal-Kunsill |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

U xtaqt niccara wkoll, li gieli tkellimt meta kienet sejra ssir laqgha tal-Kunsill u jien ma stajtx nattendi ghaliha, ghax kienu laqghat li jigu organizzati mil-lum ghal ghada, jew inkella minn filghodu ghal dik l-istess gurnata filghaxija.

***Joseph Buttigieg***
***Councillor***
***Qala Local Council***

On Mon, Nov 16, 2020 at 7:44 PM Joseph Buttigieg <josephb.qala@gmail.com> wrote:

Ghaziz Paul

Stajt mexxejt bil-laqgha ta' nhar il-Gimgha 13 ta' Novembru. Fl-ebda hin ma ktibt jew inkella ppretendejt li mill-lum ghal ghada kienet se tinbidel il-laqgha ghax jien ma stajtx minhabba cirkostanzi urgenti li nqalghu lili. Naf li diga konna tard bil-laqgha tax-xahar ta' Novembru.

Fit-12 ta' Novembru ktibt lill-Kunsill hekk: "Fis-sitwazzjoni prezenti ma nistax nikkommetti ruhi ghal data specifika."

Hija daqshekk difficli li wiehed jifhem li kelli nwassal membru tal-familja ghal MAJOR OPERATION urgenti u wara jkolli nerga nwasslu ghal checkups frekwenti matul xi granet tal-gimgha ta' wara?

Ma xtaqtx nikteb dan kollu ghax din ma kienet affari ta' hadd. Anke li kieku ktibt li nista nattendi l-laqgha tal-Hamis li gej (li sa issa ghadni nista nattendi) u l-ghada jaghti l-kaz li rridu mmoru l-isptar ghal check-up, kont xorta ma nattendix. Ghal din ir-raguni jien ktibt li fis-stiwazzjoni prezenti ma nistax nikkometti ruhi ghal l-ebda gurnata tal-gimgha, ghax is-sitwazzjoni hija wahda li tista tinbidel min hin ghal iehor.

Issa nispera li jien car bizzejjed. Izjed car minn hekk ma nistax inkun.

Tislijiet u l-lejl it-tajjeb lil kulhadd.

***Joseph Buttigieg***
***Councillor***
***Qala Local Council***

On Mon, Nov 16, 2020 at 5:52 PM Paul Buttigieg <paulbqala@gmail.com> wrote:
Joseph
Jien kont ragel bizejjed li x'hin rajt li ma stajtx tattendi fit-13 ta' Novembru, minhabba ragunijiet ta' sahha ta' xi familjari, ipposponejt il-laqgha b'rispett lejk. Ma kien hemm bzonn lil hadd jghidli biex naghmel hekk. Tajtek cans iehor din il-gimgha u int ergajt ghidt li ma stajtx Imma ladarba int ma aprezzajtx dan il-gest, qed nitlob biex il-Kunsill jiltaqa l-Erbgha li gej fil-5pm u jider li hawn maggoranza li jistghu jattendu.

Drabi ohra meta konna qed naghmlu laqghat ohra u ma stajtx tattendi ma kontx hadt gost int, u konna mexxejnihom kif kont tlabt. Nassigurak li li kieku ghamilna l-laqgha l-Gimgha li ghaddiet, xorta wahda wara kont tghidli li ma ghamiltx sew li mexxejt minghajrek.

**Paul Buttigieg**

Mayor

Qala Local Council

M: 79539278 | E: **paulbqala@gmail.com**

On Mon, Nov 16, 2020 at 3:36 PM Joseph Buttigieg <josephb.qala@gmail.com> wrote:
Paul

Il-laqgha ressaqta int.

Jien fl-ewwel email tieghi ma tlabtx biex tersaq il-laqgha. Jien ghedt biss li se nkun assenti.

Int iddecidejt li tressaq il-laqgha.

Issa zgur ma ssirx u nehel jien? Ma ghandex xi cans.

Jien l-Erbgha ma nistax nigi laqgha.

***Joseph Buttigieg***
***Councillor***
***Qala Local Council***

On Mon, Nov 16, 2020 at 2:35 PM Karl Buttigieg <karlqala@gmail.com> wrote:
Jien ghada biss ma nistax. Il-bqija meta tridu.

Karl

Sent from my iPhone

On 16 Nov 2020, at 11:53, Joseph Buttigieg <josephb.qala@gmail.com> wrote:

Jien l-Erbgha ma nistax zgur.

Sent from my Huawei phone

-------- Original message --------
From: Paul Buttigieg <paulbqala@gmail.com>
Date: Mon, 16 Nov 2020, 09:03
To: Joseph Buttigieg <josephb.qala@gmail.com>
Cc: valerie mejlak <valmejlak@yahoo.com>, Karl Buttigieg <karlqala@gmail.com>, Borg Marcia at Local Councils <marcia.borg@gov.mt>, Qala Local Council at Local Councils <qala.lc@gov.mt>, Ivan Cefai <ivancefai@onvol.net>
Subject: Re: Laqgha tal-Kunsill

> Il hamis assulutament ma nistax . Ghandi meeting filghaxija ippurvajt nhassru dalghodu u ma stajtx
>
> Naghmlu l laqgha l erbgha .
>
> Marciahu hsieb
>
> On Mon, 16 Nov 2020, 06:23 Joseph Buttigieg, <josephb.qala@gmail.com> wrote:
>
> Il-Hamis tajjeb ghalija wkoll.
>
> Izda nixtieq ninforma lill-Kunsill, li jista jaghti l-kaz li xorta ma nkunx nista nattendi minhabba l-istess raguni msemmija fil-korrispondenza ta' qabel.
>
> Grazzi
>
> Joseph
>
> Sent from my Huawei phone
>
> -------- Original message --------
> From: valerie mejlak <valmejlak@yahoo.com>
> Date: Fri, 13 Nov 2020, 15:31
> To: Paul Buttigieg <paulbqala@gmail.com>, Karl Buttigieg <karlqala@gmail.com>
> Cc: Borg Marcia at Local Councils <marcia.borg@gov.mt>, Joseph Buttigieg <josephb.qala@gmail.com>, Qala Local Council at Local Councils <qala.lc@gov.mt>, Ivan Cefai <ivancefai@onvol.net>
> Subject: Re: Laqgha tal-Kunsill
>
>> Ghalija il gimgha d-diehla tajjeb ukoll, l-erbgha xhin tridu, u l-hamis mis 6 lura ghax ikun hemm id dutrina.
>>
>> Val.
>>
>> On Friday, November 13, 2020, 03:28:01 PM GMT+1, Karl Buttigieg <karlqala@gmail.com> wrote:
>>
>> Jien l-erbgha u l-hamis nista mill-5pm lura. Il-gimgha ghadna gieh il-Qala.
>>
>> Grazzi,

Karl

Sent from my iPhone

> On 13 Nov 2020, at 14:14, Paul Buttigieg <paulbqala@gmail.com> wrote:
>
> Ghidu meta tkunu tistghu ghall gimgha d diehla mela.
>
> On Fri, 13 Nov 2020, 11:07 Borg Marcia at Local Councils, <marcia.borg@gov.mt> wrote:
>
> > Tista' tithassar u jsir darb ohra, araw intom.
> >
> > **Marcia Borg**
> >
> > **Executive Secretary**
> >
> > *Qala Local Council*
> >
> > *Qala Civic Centre*
> >
> > *Bishop Mikiel Buttigieg Street*
> >
> > *Qala QLA 1040 Gozo*
> >
> > *Tel:21552555*
> >
> > *Email: marcia.borg@gov.mt*
> >
> > ---
> >
> > **From:** Paul Buttigieg <paulbqala@gmail.com>
> > **Sent:** 13 November 2020 10:38
> > **To:** Joseph Buttigieg
> > **Cc:** Borg Marcia at Local Councils; Qala Local Council at Local Councils; Ivan Cefai; Valery Meilak; Karl Buttigieg
> > **Subject:** Re: Laqgha tal-Kunsill
> >
> > CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.
> >
> > Marcia,

Qed jaghmel il-hin, jixraq li jkollna risposta minn naha tieghek.

**Paul Buttigieg**

Mayor

Qala Local Council

M: 79539278 | E: paulbqala@gmail.com

On Thu, Nov 12, 2020 at 9:35 PM Joseph Buttigieg <josephb.qala@gmail.com> wrote:

Gheziez

Fis-sitwazzjoni prezenti ma nistax nikkommetti ruhi ghal data specifika.

Grazzi,

***Joseph Buttigieg***
***Councillor***
***Qala Local Council***

On Thu, Nov 12, 2020 at 7:47 PM Paul Buttigieg <paulbqala@gmail.com> wrote:

Marcia

Peress li joseph ma jistax jattendi minhabba inpenji tal familja u int diga hrigt l-agenda tkun tista tmexxi l-laqgha ghall gimgha d diehla ?

Jekk tista mexxiha.

Tina risposta filghodu pls

**Paul Buttigieg**

Mayor

Qala Local Council

M: 79539278 | E: paulbqala@gmail.com

On Thu, Nov 12, 2020 at 11:26 AM Joseph Buttigieg <josephb.qala@gmail.com> wrote:

Gheziez.

Inqalghet sitwazzjoni urgenti, fejn ghada se jkolli nwassal lil membru tal-familja tieghi Malta fuq ragunijiet ta' sahha.

Jiddispjacini pero mhux se nkun nista nattendi l-laqgha tal-Kunsill Lokali ta' ghada 13 ta' Novembru 2020.

Skuzawni pero ma nistax naghmel mod iehor.

***Joseph Buttigieg***
***Councillor***
***Qala Local Council***

Minuti 22
22-4-2.

.Se nibda biex nghid li jien se naqra biex ma ninsiex certu punti pero irrid li kull punt li ser nirreferi ghalih jigi mnizzsel fil-minuti.

Jiena meta gejt elett Sindku l-unika skop tieghi kien li nahdem ghal-gid tal-Qala u r-residenti taghha. Qatt f'miljun sena ma stennejt li se nispicca f'kunsill fejn f'kull laqgha irrid nigi noqghod nikklarifika u nirribatti l-gideb u attakki kkalkulati li ghaddejin fuqi. U l-hin kollu attent ghax hemm min qieghed ghassa ta' kull kelma li nghid biex bija isib l-iskuza biex iqacctuni minn Sindku fuq xi punt tekniku. U li hemm min xogholu jiccekja l-minuti tal-passat biex isibu xi haga legali fuq hiex jistghu jqabdu difrejhom.

Jiddispjacini nghid li mill-ewwel laqgha ta' din il-legislatura hareg car li hawn min l-interess tieghu mhux li jahdem ghal-Qala imma ghal interess personali tieghu. Hareg ukoll car li l-istess persuni qatt ma accettaw li jien is-Sindku. Ghidta d-darba l-ohra u nerga nghida li naf li fil-Qala qed jintqal kliem li ser iqacctuni minn sindku , bhal ma naf ukoll li hawn min ghadu ghaddej b'kampanja elettorali u jdur id-djar u joqghod jghid kontrija kull cans li jkollu. Bhal ma naf li hawn min qed jahdem ma ohrajn fejn flimkien qed tinhema strategija biex lili minghalijom joskulawni jew ikeccuni. Wahda minnhom hi l-artikli li hargu fil-gazzetti ricentament dwari. Nixtieq nigbed l-attenzjoni li min qed jaghmel hekk mhux jirrejalizza li lhsara mhux lili qed issir imma qed issir lil kunsill u lil qala. Ghax bli ghaddej fuqi aktar qed nissahah.

Nixtieq nistaqsi. Jekk dawn qed jahlu hinhom fuq kif se jqacctu lili kemm huma lesti li jahdmu ghal Qala? Fejn hi l-ghaqda li tant sar ftahir fuqha? Hsiebhom hu kif waqt il-laqghat, jidru li huma qed jaghmlu x-xoghol u jghidu kliem meqjuz sabiex nider ikrah jien.

Kull ma trid taghmel hu li taqra l-minuti ta' dawn l-ahhar laqghat u johrog car x'inhuma l-manuvri u l-strategiji li ghaddejjin minn xi whud. Jekk taghmel paragun ta' kif kienu jinkitbu l-minuti fil-passat ma dawk ricenti tinduna kemm ghandi ragun.

Jien dan ma jinkwetanix ghax bhal ma dejjem ghidt jien ghal-Qala hrigt Sindku u li ghamilt u naghmel, naghmlu minn qalbi ghax genwinament irrid il-gid tar-rahal. Miniex fil-but ta' hadd u ta' l-ebda spekulatur . Ma nigix hawn mimli pariri ta' x'ghandi nghid u naghmel biex inkisser lil haddiehor. Jiena mohhni hu kif se nahdem biex ikollna rahal ahjar minn li sibnih. Infakkar li kull min hu hawn gew halef biex jaqdi u mhux biex ikisser u ghalhekk importanti li nahdmu flimkien mhux individwalment b'agendi personali. Qed nerga nappella li nigbdu habel wiehed u nahdmu flimkien.

Nerga ntenni li dawn l-ahhar xhur, xhin nigu biex nwettqu xi progett qed insib hafna intoppi u nuqqas ta' koperazzjoni. Semplicament biex nizbru s-sigar tal-pjazza spiccajna domna 4 xhur biex giet approvata l-applikazzjoni li ghamnilna. Issa kien hemm min fuq il-medja socjali ta' x'jifem li jien kont qed nitmejjel bil-kunsill u bir-residenti u li kont qed ingib l-iskuzi izda min jafni jaf li jien miniex giddieb. Il-verita hi li lapplikazzjoni ghaz-zbir saret f'Gunju u l-approval gie f'Ottubru. Spiccajna anke kellu jigi involut il-perit. Il-pagamenti ta' l-applikazzjoni mill-kunsill hargu, ghalhekk is-segretarja kienet taf b'din l-application mill-bidu nett. Fi snin precidenti dawn l-applications fi ftit granet kienu jgiu approvati issa jekk kien hemm min minn wara l-kwinti kien qed itawwal dan il-process biex ikun hawn it-tgergir, x'jigri wara dahri ma nafx.

Hawn min jahseb li ma nafx li qed isiruli hafna ostakli u kawteli biex jitwettaq ix-xoghol biex imbaghad man-nies u fuq il-minuti tal-kunsill jinkiteb li hawn it-telqa fir-rahal. Wahda mill-hafna intoppi hi li biss biss minn jannar l'hawn naqsulna 6 haddiema minghajr replacement ghax kien hemm min qal lid-dipartiment tal-kunslli li ghandna bizzejjed haddiema. Minkejja li jien spjegajt x'xoghol qed isir mill-haddiema li ghandna bhalissa xorta ma gejniex assenjati haddiema ohrajn.

Inhoss li huwa mhux accettabli li s-Sindku u l-kunsilliera ghandhom jkunu nfurmati minn facebook li saru xi progetti bhal upgrade ta' Grunju u bhal concerts li saru fil-pjazza (li naqbel maghhom) u wizq inqas ghandna nsiru nafu minn facebook li saret press conference fil-Qala u li jigu mistiedna zewg kunsilliera u l-kumplament tal-kunsill ma jaf b'xejn. Tahsbu li dan qed jaghmel gid lill kunsill? Ilkoll tafu li jien fil-passat kull press conference li saret fil-qala dejjem stedintkom kollha minn qabel u min ma giex ghax ma riedx.

Fir-rigward tal-progett ta' Triq il-WArdija. Minn naha tieghi li nista nghid hu li : Kienu saru laqghat bejn il-ministeru t'ghawdex, WSC biex jinbidlu l-mains ta' l-ilma u s-servizzi kollha f'din it-triq, u kienu bdew id-diskussjonijiet u kien sar ftehim biex xhin il-wsc ilestu, it-ttriq tinkesa bit-tarmak u mhux patching biss. MInn Jannar l-hawn lili hadd ma nvolvieni f'xejn ghalhekk ma kontx naf x'gara. Li naf hu li gew bidlu l-main u bdejt nisma m'ghand in-nies li ser isir patching biss. Imbaghad mill press conference insir naf li ser issir t-triq kollha. Kif naqbel li ghandha ssir.